

Brussell, 29 ta' Settembru 2017
(OR. en)

12671/17

FREMP 99
JAI 847
COHOM 103
POLGEN 125
AUDIO 103
DIGIT 196

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	12112/17
Suġġett:	Dokument informali tal-Presidenza għall-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) tas- 17 ta' Ottubru 2017 - Djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness, id-dokument informali tal-Presidenza għal diskussjoni fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali tas-17 ta' Ottubru 2017.



Kunsill Affarijiet Ġenerali, 17 ta' Ottubru 2017

Djalogu dwar l-Istat tad-Dritt

Dokument informali tal-Presidenza Estonjana

"Il-Pluraliżmu tal-Media u l-Istat tad-Dritt fl-Era Diġitali"

Introduzzjoni

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-Istati Membri ta' Diċembru 2014 dwar l-iżgurar tar-rispett għall-istat tad-dritt **jistabbilixxu djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt** fil-Kunsill (Affarijiet Ġenerali).

L-ewwel djalogu seħħ matul il-Presidenza Lussemburġiża fis-17 ta' Novembru 2015, u **t-tieni wieħed** fl-24 ta' Mejju 2016 matul il-Presidenza Netherlandiża fil-Kunsill (Affarijiet Ġenerali).

L-**evalwazzjoni tal-esperjenza**, li saret mill-Presidenza Slovakka, fil-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) tal-15 ta' Novembru 2016, ikkonfermat li l-Istati Membri jixtiequ jkomplu bid-djalogu u jsaħħuh.





It-tielet djalogu dwar l-istat tad-dritt

Il-libertà u l-pluraliżmu tal-media huma prerekwiżiti u salvagwardji essenzjali għal demokraziji li jaħdmu sew. Il-libertà ta' espressjoni, il-libertà u l-pluraliżmu tal-media huma minqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u huma fost il-valuri demokratiċi bażiċi ewlenin li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea.

B'segwitu għall-kollokju annwali tal-Kummissjoni Ewropea tal-2016 dwar id-drittijiet fundamentali b'rabta mal-pluraliżmu tal-media u d-demokrazija u abbażi tiegħu, il-Presidenza tixtieq tistieden lill-Ministri biex jespjoraw **l-isfidi speċifiċi għall-pluraliżmu tal-media u għall-istat tad-dritt li rriżultaw mill-era diġitali.**





L-aċċessibilità tal-pjattaformi diġitali u l-internet tiffaċilita l-kisba ta' demokrazija parteċipatorja, trasparenti u effettiva. Iżda fl-istess ħin, fil-kuntest konverġenti l-ġdid tal-media, l-era diġitali amplifikat ukoll **l-isfidi għad-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt**, peress li l-proliferazzjoni ta' stejjer ġodda impreċiżi u qarrieqa permezz tal-media soċjali u l-internet jistgħu jaffettwaw negattivament il-fiduċja fil-media u fil-kwalità tad-dibattitu politiku dwar kwistjonijiet li huma kruċjali għal soċjetajiet demokratiċi. Id-diżinformazzjoni diġitali fuq skala kbira ħafna tista' ddgħajfef il-pedament tad-demokraziji: l-impenn politiku taċ-ċittadini infurmati tajjeb. It-telf tal-fiduċja fil-media jdgħajfef ukoll il-kapaċità tal-media li twettaq ir-rwol tagħha li żżomm lill-Istati Membri, lill-UE u lill-atturi privati responsabbli u b'hekk tikkontribwixxi għar-rispett għall-istat tad-dritt. Fi żminijiet meta bosta ċittadini, speċjalment iċ-ċittadini iktar żgħażaġh, qegħdin jużaw **l-Internet u n-netwerks soċjali dejjem aktar** bħala s-sors primarju tagħhom tal-aħbarijiet, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun pluralistika, indipendenti u ta' kwalità bħala prekondizzjoni biex tinżamm il-fiduċja fil-media, filwaqt li huwa daqstant ieħor importanti li wieħed ikun jista' jiddistingwi bejn liema informazzjoni hi preċiża u affidabbli u liema mhijiex.

Bil-għan li din l-isfida tiġi diskussa, fit-12 ta' Lulju 2017, il-Presidenza Estonjana organizzat **seminar informali fost l-esperti** li sar fi Brussell dwar is-suġġett tal-pluraliżmu tal-media u l-istat tad-dritt fl-era diġitali. Is-seminar laqqa' lil rappreżentanti mill-Istati Membri tal-UE, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, il-Kunsill tal-Ewropa, ġurnalisti u kumpanniji tal-media, is-soċjetà ċivili u membri mill-qasam akkademiku. Is-sommarju tas-seminar huwa disponibbli fid-dokument 12112/17.





Matul is-seminar, il-parteċipanti ddiskutew x'jistgħu jagħmlu l-atturi differenti, bħal pereżempju l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-NGOs u l-kumpanniji tal-media, biex jiżguraw il-kredibbiltà tal-informazzjoni, il-fiduċja fil-media u dibattitu politiku li jirċievi informazzjoni preċiża, fl-era diġitali. L-importanza ta' **media pluralistika, indipendenti u affidabbli** bħala gwardjan u difensur tad-demokrazija u l-istat tad-dritt ma tistax tiġi sottovalutata. Jekk tintilef il-fiduċja fil-media, il-kapaċità tal-media li twettaq dan ir-rwol kruċjali jista' jiddgħajjef. Is-seminar enfażizza li filwaqt li hemm diversi sfidi u li dawn jirrikjedu approċċi ġodda, jidher ċar li ċ-ċensura mhijiex opzjoni. Il-parteċipanti enfasizzaw ir-responsabbiltà kondiviża ta' dawk li jfasslu l-liġi, il-ġurnalisti, id-ditti tal-pubblikazzjoni u l-intermedjarji tal-internet, iżda anke taċ-ċittadini bħala konsumaturi ta' informazzjoni. Numru ta' kelliema ġibdu l-attenzjoni dwar il-fatt li mhux kollox jista' jiġi rregolat bil-liġi jew jiġi awtoregolamentat. Il-litteriżmu fil-media minn età żgħira iżda anke fost l-adulti hu ta' importanza vitali biex il-konsumaturi ta' informazzjoni jkunu jistgħu jidentifikaw l-informazzjoni falza jew qarrieqa, u anke jifhmu l-motivazzjoni moħbija wara l-aħbarijiet foloz u s-sorsi tagħhom.





Il-Presidenza tixtieq tiddiskuti dawn il-kwistjonijiet f'aktar dettall matul it-tielet djalogu dwar l-istat tad-dritt, abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:

Mistoqsija 1: Fil-fehma tiegħek, x'inhuma l-aktar sfidi serji għall-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali u fl-ambjent il-ġdid tal-media? Jekk jogħġbok aqşam l-esperjenzi tiegħek dwar il-mod kif jistgħu jiġu indirizzati dawn l-isfidi.

Mistoqsija 2: X'jistgħu jagħmlu l-Istati Membri biex jagħtu appoġġ lill-ġurnalisti, id-ditti tal-pubblikazzjoni u l-intermedjarji tal-internet biex tiġi żgurata l-kwalità tal-ġurnaliżmu u l-affidabbiltà tal-informazzjoni ppubblikata? Jekk jogħġbok aqşam informazzjoni dwar kwalunkwe sfida u prattika tajba mil-livell nazzjonali.

Mistoqsija 3: Il-litteriżmu fil-media jaqdi rwol deċiżiv biex tinżamm il-fiduċja fil-media billi l-qarrejja, is-semmiegħa u t-telespettaturi jkunu jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn sorsi ta' informazzjoni affidabbli u mhux affidabbli. Xi rwol għandhom l-Istati Membri biex jiżguraw li ċ-ċittadini tal-UE ta' kull età jkollhom biżżejjed ħiliet marbutin mal-litteriżmu fil-media?

L-organizzazzjoni tad-djalogu

Wara introduzzjoni mill-Presidenza u d-Direttur tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ser jiġu mistiedna jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom abbażi tat-tliet mistoqsijiet. Wara d-diskussjoni, il-Presidenza ser tfassal **konklużjonijiet tal-Presidenza**.





Il-Presidenza f'kooperazzjoni mas-sħab tat-triju tagħha ser tgħaddi l-konklużjonijiet tal-Presidenza lill-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill biex ikomplu jikkunsidrawhom. Jista' jiġi kkunsidrat għandux ikun hemm segwitu ulterjuri ladarba l-Kunsill jerġa' jevalwa d-djalogu dwar l-istat tad-dritt sal-aħħar tal-2019.

